



Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-4 ta' Settembru 2025 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunale di Padova – l-Italja) – AR vs Ministero dell'Istruzione e del Merito

(Kawża C-543/23 ⁽¹⁾, Gnattai ⁽²⁾)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Ftehim qafas bejn l-ETUC, l-UNICE u ċ-ĊEEP dwar xogħol għal żmien determinat – Klawżola 4 – Għalliema li jkunu kisbu esperjenza professjonali fi ħdan ċerti istituzzjonijiet skolastiċi li l-funzjonament u l-organizzazzjoni tagħhom ma jaqgħux taħt l-Istat – Reklutaġġ għal żmien indeterminat fi ħdan istituzzjonijiet skolastiċi tal-Istat – Determinazzjoni tal-anzjanità għall-finijiet tad-determinazzjoni tar-remunerazzjoni – Leġislazzjoni nazzjonali li ma tippredix it-teħid inkunsiderazzjoni ta' perijodi ta' servizz imwettqa f'ċerti istituzzjonijiet skolastiċi li l-funzjonament u l-organizzazzjoni tagħhom ma jaqgħux taħt l-Istat – Differenza fit-trattament ibbażata fuq kriterju għajr in-natura determinata jew indeterminata tar-relazzjoni ta' xogħol – Artikoli 20 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Applikabbiltà – Assenza ta' implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni)

(C/2025/5553)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Tribunale di Padova

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: AR

Konvenut: Ministero dell'Istruzione e del Merito

fil-preżenza ta': Anief – Associazione Professionale e Sindacale

Dispożittiv

Il-klawżola 4 tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal terminu fiss, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li jinsab fl-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP,

għandha tiġi interpretata fis-sens li:

ma tippredix leġislazzjoni nazzjonali li ma tippredix it-teħid inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-anzjanità u tar-remunerazzjoni tal-għalliema waqt ir-reklutaġġ tagħhom għal żmien indeterminat f'istituzzjoni skolastika tal-Istat, ta' perijodi ta' servizz imwettqa preċedentement minn dawn l-għalliema fil-kuntest ta' impjeg għal żmien determinat jew għal żmien indeterminat f'ċerti istituzzjonijiet skolastiċi li l-funzjonament u l-organizzazzjoni tagħhom ma jaqgħux taħt l-Istat, iżda li, skont din il-leġislazzjoni, huma assimilati ma' istituzzjonijiet skolastiċi tal-Istat, minkejja li l-imsemmija leġislazzjoni tippredix li l-perijodi ta' servizz imwettqa mill-għalliema impjegati fl-istituzzjonijiet skolastiċi tal-Istat, b'mod partikolari għal żmien indeterminat, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-anzjanità tagħhom u tar-remunerazzjoni tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU C, C/2024/3733.

⁽²⁾ L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.